STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**VALLETTA, Malta,** 28 ta' Setembru 2023

## IL-maltabiennale 2024 JINGĦATA WKOLL IL-PATROĊINJU TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Il-maltabiennale.art 2024 ingħata wkoll il-patroċinju tal-Eċċellenza Tiegħu, George Vella, il-President ta' Malta. Dan huwa t-tieni patroċinju għal dan il-festival internazzjonali tal-arti kontemporanja li se jkun qed jittella' bejn Marzu u Mejju tas-sena d-dieħla. F'Awwissu li għadda, il-biennale Malti ngħata wkoll il-partroċinju mill-UNESCO.

Fl-ittra tiegħu, l-Eċċellenza Tiegħu, filwaqt li aċċetta bi pjaċir li jagħti l-patroċinju tiegħu għall-biennale Malti, feraħ lis-Sur Mario Cutajar, President tal-maltabiennale.art u Chairman ta' Heritage Malta għall-andament pożittiv u r-ritmu li qabad dan il-proġett ġdid ta' Heritage Malta għall-pajjiż. Huwa ddeskriva bħala impressjonanti r-rispons minn artisti minn madwar id-dinja kollha għall-maltabiennale.art 2024 u sejjaħ bħala inkoraġġanti ħafna il-fatt li l-UNESCO għoġobhom ukoll jagħtu l-patroċinju tal-organizzazzjoni għal dan il-festival internazzjonali tal-arti kontemporanja.

Meta għalqet is-sejħa għall-applikazzjonijiet ta' parteċipazzjoni fil-maltabiennale.art 2024 fi tmiem Awwissu li għadda, kienu daħlu iktar minn 2,500 proposta minn iktar minn 75 pajjiż minn madwar id-dinja. Il-maltabiennale, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu għal Malta se jkun mifrux ma' Malta u Għawdex prinċipalment f'siti li huma ta' Heritage Malta.

Minkejja li l-maltabiennale.art huwa xprunat u mmexxi minn Heritage Malta, hemm imsieħba miegħu numru ta' entitajiet li qed jagħtu sehem sħiħ għal dal-biennale. Ewlieni fost dawn l-imsieħba huwa l-Kunsill Malta għall-Arti. Hemm ukoll l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, il-Valletta Cultural Agency, l-aġenzija Malta Libraries, kif ukoll il-Ministeri għall-Affarijiet Barranin, Ewropej, u l-Kummerċ; għall-Wirt Nazzjonali, Arti, u Gvern Lokali; u għal Għawdex.

Flimkien mal-wirjiet tal-arti li se jkunu l-qofol tal-maltabiennale.art, se jkunu qed jittellgħu ukoll programmi oħra edukattivi u akkademiċi kif ukoll workshops bi sħubija ma' istituzzjonijiet lokali u internazzjonali, kif ukoll programm ta' arti performattiva bi sħubija ma' diversi entitajiet kulturali lokali.

Il-maltabiennale.art 2024 se jkun inawgurat mill-Eċċellenza Tiegħu, il-President ta' Malta u se jkun qed jiftaħ il-bibien tiegħu fil-11 ta' Marzu 2024. Il-biennale jibqa' għaddej sal-31 ta' Mejju 2024.

Under the Patronage of

His Excellency the President of Malta

and

unesco

# PRESS RELEASE

**VALLETTA, Malta,** 28th September 2023

## maltabiennale 2024 GRANTED THE PRESIDENT OF MALTA'S PATRONAGE

The maltabiennale.art 2024 has just been granted the patronage of His Excellency George Vella, the President of Malta. This is the second patronage for the international contemporary art festival, held between March and May of the coming year, with UNESCO granting its patronage to the biennale in August 2023.

Whilst accepting with pleasure his role as patron of the Maltese biennale, in his letter, His Excellency also congratulated Mr Mario Cutajar, President of maltabiennale.art and Chairman of Heritage Malta, for the way this new Heritage Malta project has been progressing. Noting the impressive response from artists globally, the President also expressed his view that having UNESCO's patronage was also highly encouraging.

Indeed, the call for applications to participate in maltabiennale.art 2024 garnered over 2,500 proposals from over 75 countries globally. The maltabiennale.art, the first of its kind for Malta, will be spread around Malta and Gozo, primarily in Heritage Malta sites.

While maltabiennale.art is a Heritage Malta-led initiative, several entities have joined forces for the biennale, including, notably, Arts Council Malta. maltabiennale.art is also supported by the Malta Tourism Authority, the Valletta Cultural Agency, Malta Libraries, together with the Ministries for Foreign and European Affairs and Trade; National Heritage, Art, and Local Government; and Gozo.

In parallel with the artistic exhibitions which will be the heart of maltabiennale.art, the festival will also include educational and academic programmes; workshops in collaboration with local and international institutions; as well as a performing arts programme in collaboration with several local cultural entities.

maltabiennale.art 2024 will be inaugurated by His Excellency, the President of Malta and will open its doors to the public on the 11th of March 2024. The biennale will remain open until the 31st of May 2024.

*maltabiennale.art is online:*
*Official website: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale*
*Email: info@maltabiennale.art*

Organizing bodies

Heritage Malta MUŻA

In cooperation with

Government of Malta Ministry for Foreign and European Affairs and Trade · Government of Malta Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government · Government of Malta Ministry for Gozo · VisitMalta · Spazju Kreattiv · Valletta Cultural Agency · Malta Libraries

**MUŻA**, Auberge D'Italie, Merchants Street, Valletta, Malta, VLT 1170 **E.** info@maltabiennale.art **www.maltabiennale.art**